~~Salamun kien ħafna hieni, u ma' tul ġimgħatejn jew 14-il jum, kien debaħ għall-ġieħ ta' Jehova 22,000 genduż, u 120,000 nagħġa (II Par, IV, 1). Il-poplu ta' Iżraeli feraħ ħafna, għax ra li ma naqsux rappreżentati minn naħat kollha tal-Palestina, minn Enath sa Wadi El Arix fl-Eġittu; u għax ra u fehem li b'dik iċ-ċerimonja ġie mqaddes iċ-Ċentru tar-Reliġjon u tan-nazzjonaliżmu tal-Lhud. Wara dan kulħadd telaq jinġabar lejn daru, jgħolli l-ġieħ is-Sultan tiegħu u jbierek lil Jehova li temm il-wegħdiet tiegħu ma' Iżraeli.~~

~~Alla mbagħad deher lil Salamun u qallu: "Smajt talbek, qaddist dan it-Tempju mibni minnek għall-ġieħ dejjiemi ta' Ismi, hemm ngħammar biex inqis u nara infarraġ u nħares lil dan il-poplu tiegħi. Jekk inti timxi miegħi fidil bħal ma mexa missierek . . . insaħħaħ il-qagħda tat-Tron tiegħek għal dejjem, bħalma kont wegħidt lil David missierek Imma jekk int u wliedek ma timxux . . . neqred lil Iżraeli minn wiċċ l-art li jien kont tajtu, niċħad it-Tempju li kkonsagrajt għal Ismi, u jaqa' għaċ-ċajt Iżraeli mal-popli l-oħra" (I Reg. IX, 3-7).~~

~~P.A.C.~~

# IL-MIRAKLI TA' GESU' FL-EVANGELJI APOKRIFI

*(Jaqbad ma' l-għadd ta' qabel, p. 17)*

Billi Ġużeppi kien jara li t-tifel kien qiegħed jikber fil-għaqal u fiż-żmien, qatagħha mill-ġdid li (Ġesù) ma kellux jibqa' bla skola, u ħadu u taħ f'idejn surmast ieħor. U s-surmast qal lil Ġużeppi: "L-ewwel ngħallmu l-grieg u mbagħad il-lhudi", il-għaliex is-surmast kien jaf li t-tifel kien bravu u kien jibża' minnu. Madankollu kitiblu l-alfabett u dam jgħallmu ħafna, u (Ġesù) ma qallu xejn. (Fl-aħħarnett) Ġesù qallu: "Jekk inti tabilħaqq surmast u taf sewwa l-ittri, għidli kemm tiswa l-A u jien ngħidlek kemm tiswa l-B". Imma s-surmast telgħalu u sawtu fuq rasu u t-tifel ħassu ħażin u saħtu (lis-surmast), u minnufih intilef u waqa' fl-art kobba. U t-tifel reġa' lura f'dar Ġużeppi. Imma Ġużeppi ddispjaċih ħafna u ordna lil ommu: "La tħallihx joħroġ mill-bieb 'l barra, għax kull min jinbxu jibqa' mejjet" (XII).

Ftit taż-żmien wara, surmast ieħor, ħabib ta' ġewwa ta' Ġużeppi, qallu: "Ġib it-tifel l-iskola tiegħi, forsi bil-kelma t-tajba jirnixxili ngħallmu l-ittri". U Ġużeppi qallu: "Jekk trid, ħija, ħudu miegħek". U ħadu miegħu bil-biża' u b'rasu qartalla; iżda t-tifel mar bil-qalb kollha. U meta daħal l-iskola, b'rasu għolja, sab ktieb fuq il-leġiju u ħadu f'idejh bla ma jaqra fih, iżda fetaħ fommu u beda jitkellem fl-Ispirtu s-Santu u jgħallem il-Liġi lil dawk li kienu madwaru jisimgħu, u bdew jistagħġ-

bu għas-sbuħija tat-tagħlim tiegħu l-ħeffa ta' kliemu, (jiġifieri) li daqsxejn ta' tifel jitkellem b'dak il-mod. U meta Ġużeppi sar jaf (b'dan), beda jibża' u telaq jiġri lejn l-iskola għax beża' li dak is-surmast (ukoll) ma kienx sejjer jeħlisha ħafif.



*In-Nisa fil-Palestina.*

Iżda s-surmast qal lil Ġużeppi: "Kun af, ħija, li jiena ħadt lit-tifel biex jitgħallem; imma hu mimli bil-grazzja u bil-għerf. (Għalhekk) issa nitolbok, ħija, biex tarġa' teħdu d-dar". U meta sema' hekk it-tifel minnufih beda jidħaq u jgħid: "Ġaladarba inti tkellimt tajjeb u wrejt x'inhi tabilħaqq, minħabba fik, dak l-ieħor ukoll li qalagħha, ifiq". U Ġużeppi ħa miegħu lit-tifel, u mar f'daru (XIII).

Ġużeppi mbagħad bagħad lit-tifel tiegħu Ġjakmu jorbot il-ħatab u jġibu d-dar, u t-tifel Ġesù mar miegħu. U filwaqt li Ġjakmu kien jiġbor il-friegħi nexfin, lifgħa gidmet lil Ġjakmu. U billi bdiet tuġgħu sewwa u kien wasal biex imut, Ġesù resaq ħdejh u nefaħlu fejn saret il-gidma, u minnufih uġigħ waqaf u l-lifgħa mietet, u Ġjakmu f'daqqa waħda fieq (XIV).

## NOTI

(XII) Meta l-Awtur ġieb dan il-miraklu biex juri l-għerf kbir u l-qawwa ta' Ġesù, nesa li b'hekk pinġa lil Ġesù bħala tfajjel nebbiexi, supperv u vindikattiv.

(XIII) "Mimli bil-grazzja u bil-għerf". Kliem bħal dan insibuh fl-Evanġelju ta' San Luqa, kap II, v. 40. Aktarx mela li l-Awtur ikkopja minn fuqu. Imma fl-Evanġelju ta' San Luqa ma nsibux theddid u kastigi minn għand Ġesù.

(XIV) Fl-Evanġelju ta' San Mark, kap XVI, v. 18, naqraw li wieħed missinjali ta' dawk li jemmnu hu li, f'Isem Kristu, jaqbdu u jagħmlu li jridu bis-sriep. U fl-Atti ta' l-Appostli, kap XXVIII, v. 3-6, naqraw ukoll li meta l-lifgħa gidmet lil San Pawl, ma għamlitlu ebda ħsara. Jista' jkun, mela, li l-Awtur ried jikteb xi ħaġa bħal din. Dwar it-tifel ta' Ġużeppi li kien jismu Ġjakmu, ma nsibu xejn fl-Evanġelji l-oħra.

Rev. A. TABONE

## GRAZZJA MAQLUGHA

Mrs. Lucy Casha, mill-Għira, tirringrazzja 'l Alla tal-Grazzja li qalghet bl-interċessjoni tal-Madonna tad-Duluri, li t-tifel tagħha mar tajjeb fuq l-operazzjoni li għamel.